IT-TIENI KTIEB GUNJU
IS-SEBGHA U TLETIN SENA 1961

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GĦADD

EDITORJAL — Il-Kostituzzjoni l-Ġdida — L-Ilsien Malti ... faċċ. 33

ĠUŻE' DIMECH DEBONO — Dr. Lwiġi Mizzi ... ... ... ,, 35

PROF. REV. A. TABONE, J.S.D. et Th. Mor., Lect. Glis. Jub.
— Id-Daqq tal-Qanpiena ta' Għonq il-Mogħża
Ħasbu l-Vjatku ... ... ... ... ... ... ,, 38

DUN FRANS CAMILLERI — *Għaddejja l-Purċissjoni* ... ... ... ,, 43

ALFIE GUILLAUMIER — Nazju Jidħol Baħri ... ... ... ... ,, 44

PAWLU AQUILINA — *Lil Martri* ... ... ... ... ... ,, 47

BR. HENRY, F.S.C. — *In-Nawfraġju* ... ... ... ... ,, 49

PETER A. CARUANA — *Orqod, Tfajjel, Orqod* ... ... ... ,, 56

E. QUATTROMANI P.L. — *Epigrammi* ... ... ... ... ... ,, 57

REĊENSJONIJIET ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 58

DIRETTUR: Prof. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.H.S.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta,
ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona, D.Lit.
53, Triq Wara S. Ubaldeska, Paula

Ħlas 4s. fis-sena. Ktieb wieħed 1s.
Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:
Victor Apap, 22, Triq it-Torri,
Tas-Sliema

IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ IL-GĦAQDA
TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

ĠUNJU
1961

# IL-KOSTITUZZJONI L-ĠDIDA — L-ILSIEN MALTI

*"IL-GĦAQDA tal-Kittieba tal-Malti" qatt ma ndaħlet fil-pulitka u matul l-erbgħin sena li ilha mwaqqfa hi qatt ma mielet lejn partiti jew qabdet polemiki politiċi, anqas meta kienet maqrusa jew imkesksa. Ġew żminijiet meta dawk li kienu fil-ħakma jew dawk li kienu jmexxu t-tagħlim, naqsu lill-"Għaqda" u ma tawx widen għat-twissijiet tagħha, iżda l-"Għaqda" tagħna ma tmeżmetx u anqas għadbet, hi baqgħet sejra 'l quddiem fil-fehma tagħha u bil-għaqal, bis-sabar u bil-ħrara, bla ġlied u bla tagħjir, issoktat tħabrek biex tagħmel ġid lill-ilsien tagħna, tid-defendih, tgħollih fil-post li jixraqlu bħala ilsien nazzjonali tagħna.*

*Għalhekk ma satax jonqos li l-"Għaqda" ma tinteressax ruħha fil-kostituzzjoni l-ġdida, l-aktar fil-klawsula O sezzjoni 103 li tistabilixxi li l-ilsna uffiċċjali ta' Malta għandhom ikunu l-Ingliż u l-Malti. Bla ma noqogħdu nsemmu jekk dik il-klawsula tissodisfax jew le x-xewqat tal-'Għaqda', jibqa' il-fatt li l-Gvern ta' l-Ingilterra għaraf il-ħtieġa tal-ilsien Malti fl-amministrazzjoni ta' Malta, aċċettah bħala mezz ta' tagħlim u irrikonoxxieh bħala ilsien nazzjonali ta' dawn il-Gżejjer.*

*Biex l-ilsien tagħna wasal sa dan ir-rikonoxximent kellu jis-tenna mijiet ta' snin u ltaqa' ma żebliħ, tmaqdir u tfixkil bla heda. Dawk li kienu jaqbżu għall-ilsien tagħna raw fuq wiċċhom u ġarrbu twegħir u ltaqgħu ma' kull għawġ. Imma fl-aħħar iż-żejt tela' f'wiċċ l-ilma, l-ilsien tagħna nfeda mill-jasar qalil li kien fih u l-qniepen daqqew l-aħbar ta' ferħ.*

*Iżda r-rebħa ta' l-ilsien Malti ma kinetx biss motiv ta' foħ-rija għalih, imma kienet gwadann għall-kotra li sabet ħeffa ġdida biex tissieħeb fl-amministrazzjoni tal-pajjiż, biex tifhem l-amar tal-Liġi u biex tiftaħ moħħha b'qari u kitba mhux barranin-ħaliha.*

*Ladraba l-ilsien Malti wettaq dak kollu li kien mistenni minnu u safa' ta' ġid għall-poplu, ma satax ma jsibx post fit-tfassil tal-kostituzzjonijiet li kellna fl-aħħar kwart ta' seklu għax fuq kollox il-ċostituzzjoni ma hix ħaġ'oħra ħlief għamla ta' treġija għall-ġid u l-hena tal-poplu, u jekk poplu toftmu mill-ilsien tiegħu tkun qiegħed tagħmillu tort kbir, tirrendih infeliċi u toħnoqlu s-sentiment patrijottiku u nazzjonali.*

---

## ĦLASIJIET MINN MEMBRI U MSEĦBIN F'"IL-MALTI"

**F'dan in-Numru ta' "IL-MALTI" Membri u Msieħbin f'"IL-MALTI" għandhom isibu avviż ta' dawk il-ħlasijiet jew ħlas li għandhom jingħataw minnhom lit-Teżorier tal-Għaqda.**

**Infakkru lil dawk il-Membri u Msieħbin li baqgħu lura fil-ħlaisjiet tagħhom biex ifittxu jirregolaw irwieħhom mat-Teżorier.**

**Jisgħobbina ngħarrfu lil dawn il-murużi li kontra qalbna jkollna nieħdu passi skond id-deċiżjoni tal-Kunsill u ta' l-Istatut kemm-il darba jibqgħu lura fil-ħlasijiet tagħhom bħala Membri jew Msieħbin f'"IL-MALTI".**

---

## ERRATA-CORRIGE

Fl-editorjal ta' l-aħħar (Nru. ta' Marzu) fl-ewwel vers tal-paġna 6, jonqos dan il-kliem, *li ma deherx fl-istampa,* u li għandu jorbot mal-vers ta' wara : *jaħsbu x-xjenzjati tal-ġerjatrija u tal-ġerontoloġija jkun hemm, eċċ.*

# DR. LWIGI MIZZI

*Ta'* ĠUŻE' DIMECH DEBONO

PAJŻAN kbir tagħna, li bil-pinna u b'setgħat oħra ħadem sħiħ biex igħolli Artna u Lsien Artna, huwa bla dubju Lwiġi Mizzi.

Lwiġi Mizzi kien bin il-Maġistrat Dr. Franġisku, u twieled ġewwa Għawdex fis-sena 1847.

Billi skond iz-zokk il-fergħa, għalhekk mar jistudja Pisa għall-istess professjoni ta' missieru.

Mill-Università t'hemm u t'Artna huwa ħa l-Lawrja meta kellu 21 sena. Bħala avukat ma damx ma kellu okkażjoni li juri ruħu 'l bogħod minn xtajtietna. Għax darba fost l-oħrajn, Sir Adrijanu Dingli, li kien Għawdxi kbir ieħor, għarrfu li kieku kien jaf bil-Grieg, allura seta' jmur jiddefendi kawża fuq somma ta' £73,000 ġewwa l-Qorti ta' Atene.

Imma Dr. Lwiġi Mizzi għaraf jirbaħ dak is-saram billi fi żmien sitt xhur tgħallem l-Ilsien imsemmi, u mbagħad iddefendieha b'suċċess li għamlu tassew magħruf mal-Lvant kollu.

L-istess ħaġa għamel bl-Ilsien Russu meta ħtieġu għal kawża kbira oħra. Għax tabilħaqq bil-letteratura kompluta tagħhom u bit-taħriġ sħiħ daqs li kieku bniedem tal-post, Dr. Lwiġi Mizzi tgħallem ħdax Ilsien barrani, minbarra wkoll ħafna djaletti Orjentali.

Imfittex kif kien, huwa tgħidx kemm ivvjaġġa minn art għal oħra biex jiddefendi kawżi ta' l-aqwa aġenziji ta' vapuri.

Imma l-qagħda tiegħu regolari kienet f'Kostantinopli fejn mar wara li żżewweġ lill-ewwel mara tiegħu fl-1872, u fejn dam 45 sena.

Magħruf bħala l-aqwa avukat t'hemm, hu kien imfittex għall-pariri għaqlin tiegħu sa minn slaten, prinċpijiet u kbarat oħra.

Mhux ta' b'xejn li bosta Ġnus u Stati ma baqgħux lura li jweġġħuh kif kien jixraqlu .

Għalhekk insibuh maħtur Kavalier u aqwa minn Kavalier ta' Ordnijiet differenti u ta' Saltniet differenti, bħal "L-Ordni tas-Sepulkru Mqaddes ta' Ġerusalemm" mill-Vatikan, "L-Ordnijiet Rjali Ingliż ta' San Mikiel u San Ġorġ", "L-Ordni Rjali tal-Kuruna ta' l-Italja", "L-Ordni Rjali ta' Iżabella l-Kattolika" ta' Spanja, "L-Ordni Imperjali ta' Osmanie" tat-Turkija u "L-Ordni Imperjali tax-Xemx u l-Iljun" tal-Persja.

Aktar minn hekk il-Greċja għamlitu l-ewwel Kavalier u

tmien snin wara wkoll Kommendatur, waqt li r-Rumanija għamlitu fl-1905 Kavalier Uffiċjali u mbagħad bid-degriet Nru. 5384 weġġħitu wkoll bil-Midalja tal-Ġublew ta' Karlu I.

Imma barra milli bħala bniedem legali u lingwista millkbar nett, Dr. Lwiġi Mizzi kellu merti oħra li għalihom issemma mhux tfit.

Il-kollezzjoni ta' bosta eluf ta' ħaġar imfittex, li huwa ħalla lill-Mużew Nazzjonali tagħna, tfakkarna sew li kien ġijoloġista xejn inqas kbir.

Bintu Emily bdiet tissejjaħ: "Ir-Rużinjol ta' l-Ambaxxata Ingliża f'Kostantinopli" minħabba l-kant tagħha mhux ħlief għax wirtet minnu dak l-ispirtu, billi huwa wkoll kien mużiċista —jikteb u jsemma l-mużika.

Bħala astronomu, li xejn inqas kien, huwa ma raħiex bi kbira li jibdel il-villa tiegħu f'dik il-Belt Kapitali tat-Turkija fl-aqwa laboratorju t'hemm imgħammar b'teleskopji u strumenti oħra matematiċi meħtieġa mix-xjenzati kbar, li kienu sikwit imorru jżuruh.

Dr. Lwiġi Mizzi ried li l-pinna tkun biċċa għodda oħra biex biha jagħmel isem. Huwa kiteb kotba u ġurnali fejn seta' jedha kemm irid bil-kitba tiegħu.

Hemm kellu ż-żewġ ġurnali "Levant Herald" u l-"Eastern Express", li tagħhom dam editur 14-il sena.

Mingħajr dubju l-ġurnaliżmu f'idejh flimkien mal-professjoni legali u ħiltu fl-Ilsna swewlu mhux tfit biex ikun l-Anġlu Kustodju ta' ħutu l-Maltin imxerrda f'dik l-art Mawmettana.

Biex kieku bħala ġirien tagħna jaqsmu ma' niesna ınsiefra fil-qagħda privileġġjata li Dr. Lwiġi Mizzi poġġa fiha lill-Maltin u lill-Għawdxin, it-Taljani ippreferew li jkollhom lilu bħala President tal-Komunità tagħhom milli xi wieħed minnhom stess biex jitkellem għalihom.

Fuq kollox 3,500 Insara Armeni jafu ħajjithom lilu billi huwa kien li x'ħin tkellem għalihom m'Abdul Hamid II spiċċat fix-xejn dik il-kundanna kiefra li kien hemm diġà mgħoddija biex jiġu lkoll imgħarrqa ġewwa l-Bosforu talli rvellaw kontra l-ħakkiema Mawmettani tagħhom.

Għalkemm fis-sewwa biss il-pajżan tagħna kien il-moħħ u mhux l-id il-leminija ta' l-imsemmi Abdul Hamid, imma meta aktar tard dak is-Sultan ġie mirbuħ minn Kemal Paxà, il-forza tad-destin f'nofs dik il-fixla kollha laqtet lilu wkoll b'sentenza tal-mewt.

Quddiem theddida magħmula bl-addoċċ lil bniedem hekk

kbir, li b'ħiltu tgħidx kemm warrab għawġ minn fost Ġnus, il-Gvern Ingliż ħasibha tajjeb li ħarrbu fuq vapur navali għal Art twelidu.

Hawn bir-raġun kollu ngħażel Kuratur tal-Mineraloġija fil-Mużew Nazzjonali tagħna fejn tassew wera xi jsarraf f'hekk.

Mal-għotja ta l-Awtonomija għall-ewwel darba lill-Artna, Dr. Lwiġi Mizzi ried li fil-politika ma jagħmilx għajb lil ħuh Dr. Fortunat Mizzi u lil neputih Dr. Enriku Mizzi billi kien diġà ssieħeb ma' Sir Gerald (wara Lord) Strickland fit-twaqqif ta' partit politiku—il-Partit Kostituzzjonali.

Imlaħħaq Rappreżentant tal-Poplu fil-Parlament tagħna, huwa ma waqafx iħabrek biex l-Ilsien Malti jkun—kif messu dejjem kien—Ilsien Uffiċjali ta' l-istess art fejn huwa mitkellem.

Din il-ħtieġa nħasset wisq akbar ġewwa l-Qrati tagħna meta b'hekk il-bniedem sar ikun jaf x'jintqal favur u kontra tiegħu; kif fuq kollox jifhimha l-imħallef sa mill-ewwel, u mhux biss meta jgħidulu li ħeles jew... weħel daqshekk ħabs, multa eċċ., kif kien isir qabel.

Bil-ktieb tiegħu "What is the Maltese Language" huwa nqeda bit-tagħlim li kellu ta' l-Ilsna l-oħra kif ukoll bil-mawrien tiegħu qalb nies oħra biex fisser ċar kif l-Ilsien tagħna huwa missier Ilsna, li tagħhom huwa magħdud mhux ħlief bħala djalett l-aktar dgħajjef.

Billi Malti tajjeb ikun Kattoliku tajjeb, Dr. Lwiġi Mizzi ġie li fetaħ bwietu b'riżq xi knejjes ta' hawn Malta kif ukoll ta' barra.

Il-knejjes ta' San Franġisk tal-Belt, kif ukoll dik ta' Sant'Antnin ġewwa Pera, subborg ta' Kostantinopli fit-Turkija, fejn kien, jistgħu jissemmew bħala żewġ eżempji ta' hekk.

Terġa', huwa ma kien ebda Epoluni ma' xi Lażżru ta' żmienu, għax il-purċissjonijiet, li kien ikollu ta' nies li jixtiequ xi għajnuna jew oħra minn għandu, huma msemmija minn bosta kittieba ta' żmienu.

Hekk ukoll ħaseb biex jagħni lil Ġensu mhux biss b'dik il-kollezzjoni ta' ħaġar prezzjuż, li qamitlu l-eluf ta' liri, imma wkoll b'sett linef mill-isbaħ bħala tagħmir għall-Auberge d'Aragon, f'dak iż-żmien ir-residenza uffiċjali tal-Prim Ministru.

Imma seba' snin wara li żżewweġ it-tieni darba, billi kien romol fl-1924, huwa waqaf minn din il-ħidma mħeġġa tiegħu għax ta' 88 sena huwa miet nhar it-13 ta' Awissu, 1935.

Bil-mewt tiegħu d-dinja tilfet bniedem kbir u Malta tilfet iben kbir.

# ID-DAQQ TAL-QANPIENA TA' GHONQ IL-MOGHZA HASBU L-VJATKU

*Ta'* Dun A. Tabone

KIEN jismu Ġennaru. Meta kont tiltaqa' miegħu għaddej waħdu fit-triq ħosbien u b'idejh wara dahru fil-bwiet tal-ġlekk, kont taħsbu li hu xi bniedem fqir u mġewwaħ bla ma għandu għaxa ta' lejla. Leħja bajda, twila xiber, fuq wiċċu samrani u xi ftit imfaqqa'; ħoġbejh għoljin u mġiegħda; għajnejh suwed tuta u xi ftit miksura; riġlejh ħoxnin ftit iżjed minn qasba, jgħumu f'qalziet maħmuġ wiesa' baħar; għonq il-qmis taċ-ċaruta bajda, ħafna drabi, imraqqa' u mażrrat; beritta bil-pizz inkallat bi qbid is-swaba' u żarbun qadim u mqatta'. Kont taħsbu xi tallab jew xi bniedem ħmar jew iblah. Imma Ġennaru ma kienx hekk, għax, minbarra li kellu l-iskola, kellu eluf ta' liri sew fil-banek ta' Malta kemm ukoll ta' barra. Kellu wkoll il-bini u r-raba' tiegħu. Ix-xeħħa biss kienet wasslitu f'dik is-sura li ġġiblek ħniena tħares lejh bla ma kont tafu. Kellu idejh magħluqa wisq, jitlewwem mal-bejjiegħa, saħansitra jiekol bla ma jixba' biex ifaddal. Igħidu li lil martu b'hekk kien qeridha ħesrem, għax kien isakkrilha l-armarju fejn kien ikollu l-ħobż, iż-żebbuġ, l-inċova u xi ftit ġbejniet ta' Għawdex. Meta kien isajjar l-aljotta kien jixtri żewġ vopiet biss, waħda għalih u l-oħra għal martu, u, biex iżid it-togħma tal-baħar, xi drabi kien imur fix-xtajta, isib ċagħqa żgħira bil-ħażiż madwarha u, wara li kien ilaħlaħha xi ftit fl-ilma ħelu biex ineħħilha r-ramel, kien jixħetha fil-borma ta' l-aljotta. Ma nafx kemm hu minnu dan l-għajdut fuq Ġennaru, imma l-eluf li kellu ma setax ikun li għamilhom kollha bix-xogħol waħdu.

Imma kull makna li ma jkollhiex żejt biżżejjed, fl-aħħar tieqaf u titħassar. Hekk ġralu l-imsejken Ġennaru. Kemm idum jiekol ħobż iebes bit-tadam u l-niċova! Kemm idum jixrob l-ilma biss bla ma qatt jieħu tazza ħalib jew xi bajda friska! Kemm idum iġebbed u jdejjaq iċ-ċinturin ta' qaddu, għalkemm fih in-nifsu kien jagħmel il-laħam! Fl-aħħar qallu "Hawn irridek" u nxteħet bla saħħa f'qiegħ ta' sodda.

Issa, l-imsejken Ġennaru beda jitħasseb mhux ftit x'sa jibda jagħmel; waħdu fid-dinja, għax martu u wliedu mietu lkoll u niesu ma kinux jieħdu ħsiebu għax hu, minħabba x-xeħħa, kien igerrixhom u jwarrabhom minnu. Kellu jsejjaħ lil Marì li kienet toqgħod bieb ma' bieb miegħu. Marret Marì, kollha mbeżżgħa, flimkien ma' bintha Ġanna li bilkemm kien għad għandha għaxar snin.

"Xi ġralek, Ġennar?" għajtet Marì hija u dieħla.

"Idħol Marì!", qalilha l-marid kemm kemm jinstema'. "Ma niflaħx; tista' tagħmilli ftit tè, jekk jogħġbok?"

"Mela ma nagħmillekx!" qaltlu Marì. "Tridx immurlek għat-tabib ukoll, Ġennar?"

"Le, Marì; m'hemmx għal fejn; ftit ieħor igħaddili", kompla jgħidilha Ġennaru. U Marì għamlitlu t-tè. Imma la tgħidx x'paċenzja kellha tieħu Marì sakemm lestielu tazza tè, għax l-ewwelnett kellha taħsillu l-platti u t-tazzi maħmuġin li kien hemm fuq il-mejda, u, imbagħad, għax ma setgħetx issib it-tè u z-zokkor għax kienu maqfulin fl-armarju, fil-kċina. Fl-aħħar Ġennaru sejjaħ lil Marì u, b'subgħajh jitriegħdu, newlilha ċ-ċavetta.

Kif Marì fetħet l-armarju, ir-riħa ta' qrusa u tinten li ħarġet minn dawk l-ixkafef inkallati, ħawditilha u qalbitilha l-istonku tagħha. Meta, imbagħad, newlet idha biex iġġib il-bott taz-zokkor, Marì ħasset xi ħaġa tielgħa ma' idha u bdiet tagħraxha. F'daqqa waħda, Marì ġibdet idha u tat pass lura bil-qatgħa. Kif reġgħet lura, rifset sieq bintha li kienet warajha, u, billi weġġgħetha, it-tifla bdiet tnewwaħ u tibki.

"Xi ġralek, Marì?", qallha minn ġewwa Ġennaru, "jaqaw kissirt xi ħaġa?"

"Le, Ġennar", weġbitu Marì, "imma hawn m'aħniex waħidna; għandek il-wirdien fl-armarju".

Iżda Marì, għalkemm kienet tibża' mill-wirdien, il-ħniena u l-imħabba lejn għajrha ġagħluha tirbaħ il-biża' u reġgħet new-

let idha bil-mod il-mod sakemm irnexxielha ġġib il-bottijiet tat-tè u taz-zokkor. Bagħtet lit-tifla d-dar tagħha ġġibilha lumija, qatgħet biċċa minnha, xeħtitha fit-tazza u newlet it-tè lill-marid fis-sodda. Ġennaru, hekk kif bela' darbtejn, tlieta mit-tazza, kien donnu bħal stejqer; għajnejh bdew jibbru aħjar, leħnu tqawwa u ħass demmu iferfer ma' ġismu kollu. Kien donnu jrid jinżel mis-sodda u iżżiħajr darba, tnejn, tlieta lil Marì biex, bħallikieku jġagħlha tifhem li hi tista' tmur lejn id-dar tagħha għax issa għalih kollox sewwa.

Imma l-imsejken Ġennaru meta niżżel saqajh fl-art u ħabat jimxi, rasu bdiet iddur bih, saqajh ma felħuhx iżjed u, għalkemm ta s-salt biex iżomm mal-kredenza, waqa' kobba fl-art jonfoħ u jokrob.

Meta Marì ratu hekk f'dik is-sura ġġennet, bdiet tgħajjat u t-tifla, min-naħa l-oħra, bdiet twerżaq u tibki. F'kemm ilni ngħidlek dar Ġennaru mtliet bin-nies, min jitħassar il-marid, min jidħak bih u min jagħtih il-ħtija kollha minħabba x-xeħħa tiegħu.

"Imma issa mhux waqt dawn l-argumenti", qalet Marì bissaħna, "issa l-waqt li nsejħu t-tabib". Kif Ġennaru sema' l-isem tat-tabib, waqqaf widnejh, waqaf mill-krib u, kemm kemm jinstema', qallhom biex ma jmorrux għat-tabib. Wara ftit żewġt irġiel godlija qabdu lil Ġennaru, refgħuh mill-art u qegħduh minn tulu fuq is-sodda. Dawn l-irġiel u n-nies l-oħra li resqu lejn is-sodda, tbikkmu f'daqqa u stagħġbu bil-ħmieġ li kien fiha. Il-lożor u l-imħaded ma kinux jintgħarfu jekk kinux tax-xoqqa jew xi biċċa nċirata sewda; il-gvieret mimlijin tbajja' u xi ftit imċarrta; il-mejda ta' ħdejn is-sodda kollha rmied u frak tal-pipa; żraben qodma u kalzetti maħmuġin u mqattgħin taħt is-sodda; bżieq u tiċpis mal-ħajt u mar-rokna; l-inkwadru ta' fuq rasu għanqbud u għabra; it-tubu tal-lampa maħruq u mdaħħan; is-siġġijiet b'nofs qiegħ u xi sieq miksura jew nieqsa; l-art imdellka li qiegħ iż-żarbun jeħel fiha; ħwejġu, ta' nhar ta' Ħadd, imdendlin fuq ħabel marbut ma' żewġ grampuni minn ħajt għall-ieħor. Din hi dar Ġennaru; biċċa xogħol għal Marì msejkna, għax, qabel ma marret għat-tabib, riedet tnaddafhielu xi ftit mill-aħjar li setgħet.

Kienu s-sebgħa ta' filgħaxija; xahar Novembru, ix-xahar ta' swied il-qalb u tad-dlam. Kienet donnha sa tagħmel ix-xita, kull tant berqa u xi ragħda fil-bogħod. Il-buffuri tar-riħ bdew jiżdiedu; ebda ruħ ħajja ma tidher barra; b'danakollu Marì ma qatgħetx qalbha għax kienet fuq ruħha, ħafifa u tbigħ is-saħħa, għalkemm kienet qabżithom l-erbgħin. Xeħtet ix-xall tas-suf ma' rasha u telqet għat-tabib. Wara li kienet ilha tħabbatlu l-bieb għal għaxar minuti sewwa, is-sinjura tat-tabib, wara li bexqet kemm kemm it-tieqa, weġbitha u qalitilha li t-tabib kien għadu kif ħareġ u li, qabel il-ħdax jew nofs il-lejl, ma jerġax lura. Marì, bil-ħlewwa kollha, sellmitilha u, bil-paċenzja kollha, telqet lejn il-għassa bit-tama li l-pulizija jgħidulha fejn huwa. Imma, meta Marì waslet il-għassa, is-surġent ma taha ebda tagħrif dwar it-tabib, biss, minn taħt l-ilsien, qallha tagħti daqqa ta' għajn għal ġewwa l-ħwienet tal-qrib għax jista' jkun li t-tabib ikun hemm ġew jieħu xi tè jew flixkun birra. U, balleċ, hekk kien, għax mat-tieni ħanut li Marì ltaqgħet miegħu, hekk kif ħarset 'il ġewwa, rat lit-tabib f'rokna jilgħab it-trisett fuq mejda ma' ħbiebu. "Mur ġib lit-tobba ta' tfuliti", qalet Marì f'qalbha, "jilagħbu man-nies li mhumiex tal-qatgħa tagħhom", u baqgħet riesqa, bil-lajma l-lajma, lejn bieb il-ħanut.

Kif Marì rifset il-għatba, sejħet lit-tabib li kien mitluf fil-logħba u qaltlu biex, x'ħin ikun jogħġbu, jagħti daqqa ta' għajn lil Ġennaru għax ma jogħġobha xejn. It-tabib weġibha li ma jdumx ma jmur fejn qaltlu Marì, imma, mgħaġġel, reġa' mar fir-rokna jkompli l-logħba.

Kienu diġà daqqu l-ħdax ta' bil-lejl meta t-tabib qam minn fuq il-mejda tal-logħob u, kif kien nofsu stordut bil-għeja, rema l-biċċa tas-sigarett li kien baqagħlu f'ħalqu, għorok għajnejh, qabad il-kaxxa, sellem lil ħbiebu u, ħafif ħafif, telaq għal għand Ġennaru.

"Xi ġralek, Ġennar?", staqsa t-tabib b'leħen sod u qawwi. Iżda Ġennaru ma ta ebda tweġiba ħlief biss b'xi kelma mqansħa u mingħajr ma tiftiehem. It-tabib minnufih ta s-salt għal polz il-marid u mill-ewwel intebaħ li id il-leminija ma kenitx tiċċaqlaq. Wara l-id, it-tabib qabad sieq Ġennaru u din ukoll kienet mejta.

"Hawn għandna xi ngħidu", qal it-tabib ħosbien lil Kola, ir-raġel ta' Marì, li sa dak il-ħin, kien għadu għassa mal-marid. "Għada filgħodu nibagħtuh li-sptar, jekk isebbaħ"—"Mhux aħjar kieku wieħed jaħsiblu għas-Sagramenti?" kompla jgħid it-tabib. Għalkemm Ġennaru kien magħdur ħafna, il-kelma "Sagramenti" fehmha sewwa, għax b'idu x-xellugija beda jagħmel sinjali ċari li ma riedx jaf bi Vjatku. Ġennaru ma riedx iqerr u jitqarben, imma mhux għax kien raġel ħażin jew għax kellu ħwejjeġ in-nies. Ġennaru kull sena kien jagħmlu l-Preċett u kien iqerr u jitqarben aktar minn darba fis-sena. Ġennaru ma kien jerfa' salib ħadd u jekk ma kienx jagħmel il-ġid lil għajru, il-ħsara u d-deni ma kienx jaf bihom, għalkemm xi darba kien ikollu jagħmel xi rapport bil-moħbi. Ma riedx iqerr għax, għalkemm kien jaf li huwa batut ħafna, qatt ma ried idaħħalha f'rasu li kien jilgħabha mal-mewt. Meta Kola reġa' qallu li kien sejjer għall-Kappillan, Ġennaru, b'xi kliem u ċaqliq ieħor ta' rasu, urieh li ma kienx irid. Kola, għalhekk, għalaq il-bieb, intxeħet fl-art fuq gverta, jistenna t-tbexbix tal-għada filgħodu. Kola raqad, u raqad il-lejl kollu għax kien għajjien mejjet. Il-qanpiena ta' għonq il-mogħża tal-ħalib li, filgħodu kmieni fi dlam ċappa, għaddiet minn taħt it-tieqa sewwa sew fejn kien rieqed Kola, qajmitu. Ma' Kola qam ukoll Ġennaru li, f'daqqa waħda, beda jgħolli u jxejjer idu u siequ t-tajbin u jgħid xi kliem li ma setax jiftiehem. Ġennaru kien qiegħed jitbaqbaq, kien qiegħed jisħon u jinkwieta ruħu għax id-daqq tal-qanpiena tal-mogħża ħasbu d-daqq tal-qanpiena tal-Vjatku. Ġennaru, f'daqqa waħda, mill-ħażin għadda għal agħar; idu u siequ ma baqgħux jixxejru u jferfru; għajnejh tberrqu; ħalqu tgħawweġ, widnejh ħmaru u mbagħad sfaru; ġismu ibbies; tah attakk ieħor f'rasu. Miet jitbaqbaq, u, minflok li Ġennaru mar l-isptar għall-kura, mar għand Alla u l-eluf ta' liri li kellu fil-banek ta' Malta u ta' barra ħallihom warajh biex bihom jixxalaw u jitpaxxew il-werrieta.

# GĦADDEJJA L-PURĊISSJONI

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Għaddejja l-purċissjoni:
quddiem, it-tfal ċkejknin
libsin ħomor u bojod,
bizzilel u satin.

Mill-ġnub tat-triq imżejna,
b'xofftejhom imbissmin,
ixerrdu minn idejhom
il-ward u l-ġiżimin.

Fin-nofs, tnejn oħra jxejru
iċ-ċnieser imkebbsin
li jarmu kobob bojod
ta' dħaħen imfewħin.

In-nies tifraħ mal-qniepen
bl-ilwien, bil-fwieħa u l-ward
li jxerrdu l-idejn ċkejkna
u jħallu hemm fuq l-art...

*  *  *

Hekk jiena wkoll nixtieqni
f'dil-ħajja, bla waqfien,
minn qalbi ċkejkna nxerred
il-ġmiel ma' kullimkien

fil-għana l-iżjed ħelu,
f'għemil u kliem ferrieħ
li jhenni lill-qlub kollha,
iżjed mill-ward sabiħ.

# NAZJU JIDHOL BAHRI

*Ta'* Alfie Guillaumier

MINN mindu ħalla l-wilġa raba' li kellu missieru, Nazju tista' tgħid li ma sab jaħdem imkien. Dam jitmieraħ 'l hawn u 'l hinn ma nafx kemm u nitfa li hi nitfa xogħol ma setax isib. Kien żmien l-għaks u n-nuqqas, u, għalhekk, il-ħtieġa ħassha sewwa. Missieru webblu bosta drabi biex jerġa' jmur jaħdem miegħu bla ma rnexxielu. Kien xeba' jaħdem minn sbieħ Alla sad-dlam. Dik il-ħajja dejqitu u ried jibdilha.

Jum fost l-oħrajn lemaħ avviż imwaħħal ma' wieħed mill-kantunieri tal-Belt, li kienu jinħtieġu nies biex jidħlu baħrin. Għalkemm la missieru u lanqas ħadd mill-familja tiegħu qatt ma kienu baħrin, Nazju tħajjar u għamilha f'rasu jidħol.

Xi ġimgħa wara mar quddiem missieru liebes ta' baħri. Għela wisq ix-xwejjaħ meta ra dan, u qallu li ma jdumx ma jisgħobbih fuq il-biċċa li għamel. U tabilħaqq li ma damx ma xeba'. Dik is-sikkatura dejqitu. Rajh ma kenitx f'idejh. Is-servizz kien jikkmandah u kien iġagħlu jorqod u jqum x'ħin irid hu.

Fis ftakar fit-twissijiet ta' missieru u x-xogħol li kien ħalla miegħu. Ra kemm kien sewwa li jorqod u jqum x'ħin irid. Ma' missieru kien jaħbatha tajjeb għax kien ifissdu, imma fis-servizz m'hemmx logħob. Hin ħin u xogħol xogħol. Imma la laħaq daħal x'seta' jagħmel? Kellu jibqa' hemm għall-ħames snin bid-debbus. Ma kellux tama li joħroġ ġaladarba laħaq ħarbex ismu.

Darba fettilu jiftaħ qalbu ma' missieru u wrieh għommtu. Feraħ ix-xwejjaħ meta ra lil ibnu jiġi fi kliemu.

''Jeħtieġ naħsbuha sewwa, ibni'', qallu wara li dam iħokk ilħitu qatigħ.

Nazju kien jaf li x-xwejjaħ moħħu jilħaqlu u għalhekk ma qagħadx iħaqqaqha miegħu. Miel għal kliemu u sema' t-twissijiet tiegħu.

''Hekk u hekk trid tagħmel, Naz'', qallu l-jum ta' wara. ''Issa ħaddem moħħok int jekk tridhom jitfgħuk 'il barra''.

Għoġbitu l-lehma ta' missieru lil Nazju u ma daħakx bil-ftit meta qagħad jaħseb fuq kemm kien se jkollu jagħmel ħrejjef mal-Fizzjal tiegħu. Imma d-dieqa li qabditu fis-servizz kienet se ġġagħlu jagħmel kollox.

L-għada mar fuq il-bastiment b'qalbu qawwija. Ħsieb missieru ma kellux ifalli. Jekk jirnexxilu jilgħab il-parti tajba ma jmurx ħażin.

Sab ix-xoqqa f'moxtha li kien hemm il-Fizzjal fuq il-gverta, qabad barmil u tefgħu l-baħar. Kien se jaqbad kanna tal-ħadid u jitfagħha wkoll li l-Fizzjal ma sibilx għalih u beda jgħajjat.

"Hemm x'int tagħmel, ja miġnun?"

"Qiegħed narmi l-kaxxi tal-kartun ħżiena", wieġbu dak billajma bħallikieku ma ġara xejn.

"Dawk kaxxi tal-kartun!" qallu l-ieħor imdagħdagħ. "Inti rmejt barmil".

Nazju għamel ta' bir-ruħu nħasad. "Barmil?" qallu. "Mela ma ħsibtx ħażin li naqasni d-dawl".

Il-Fizzjal ma tax widen tiegħu u talli rema l-barmil weħel ġimgħa ma jinżilx l-art. Għall-ewwel ma tantx mar tajjeb, iżda wara missieru wissieh.

"Naz, biex tgawdi trid tbati. Hu kollox bis-sabar u ma jibdielekx".

Il-ħrafa tan-nuqqas ta' dawl baqa' sejjer biha kull fejn imur. Fuq il-bastiment ma kienx hemm min ma jafx li Nazju kien qiegħed jagħma. Għamel ħmerijiet kemm felaħ u sal-Kaptan sar jaf. B'daqshekk ħadd ma tefgħu 'l barra mis-servizz jonkella wegħduh li jgħinuh. Ħadd ma ħa għalih għax kulħadd kien jaf x'ħobż jiekol.

Bil-fehma li jagħmel xi ħaġa eħrex li biha jkun jista' jasal għall-ħsieb tiegħu, darba kien qiegħed fuq il-gverta waqt id-drill meta ħareġ mil-linja tiegħu u baqa' miexi waħdu lejn naħa oħra. Il-Fizzjal fis tilef sabru u reġa' għajjat miegħu u għamillu l-istess bħal meta rema l-barmil il-baħar. Imma Nazju ma qatax qalbu. Kien imżejjen b'karattru sod u b'hekk fehemtu baqgħet qawwija. Ħadd ma seta' jċaqalqu, jonkella jġagħlu jisna l-farsa li beda. Waħħalha f'rasu li bis-sewwa jew bid-dnewwa jirnexxilu żgur. Ta' kull darba missieru kien jagħmillu l-almu u jħeġġu biex ma jħallix kollox f'nofs leħja.

"Wisq nibża' li jekk nibqa' sejjer hekk jaslu biex igħodduni b'miġniun minflok b'agħma", qallu Nazju.

"Itlaqhom igħodduk biex iridu, ibni. L-aqwa li jitfgħuk 'il barra".

"Imma meta, missier?"

"Hu kollox bis-sabar", kien iwieġbu. "Sa fl-aħħar jixbgħu u jaraw x'jagħmlu bik".

Darba minnhom spiċċa mix-xogħol kmieni. Dar xi erba' dawriet mat-toroq tal-Belt għax ma riedx jibqa' sejjer id-dar. Dak in-nhar fettillu jibqa' hemm — il-jum kien sabiħ u x-xemx tiżreġ. Iltaqa' ma' xi żewġt iħbieb mir-raħal u marru jieklu wara s-suq. Meta ħbiebu telqu u sab ruħu waħdu, tħajjar imur it-*talkies* biex iqatta' siegħa hemm fil-kwiet. Sab wieħed jogħġbu u daħal. Intefa' f'rokna u qagħad jistenna li jitfi.

Ftit 'il bogħod minnu nzerta kien hemm il-Fizzjal tiegħu li bħalu kien daħal biex jara *film*. Wieħed jista' jaħseb kif sar malli lemħu hemm bilqiegħda, mieles u jpejjep bħallikieku dawk il-farsi li għamel fis-servizz ta' għama u mhux għama ma kienu xejn.

"Inqiegħdu jien", qal bejnu u bejn ruħu, "u nurih li miegħi ma jiċċajtax", u kif qal hekk ħareġ minn loku bil-herra u resaq lejh.

Nazju nħasad għax ra li nqabad f'nassa. Qatt ma basar li kellu jsib lil Fizzjal tiegħu hemm ġew. Imma issa ma seta' jagħmel xejn għajr li jara kif joħroġ minnha Bl-iċken kelma jitlef kollox.

"Isma', Naz", qallu l-Fizzjal bi tbissima. Mela l-għomja jmorru t-*talkies?*" u tefa' idejh fuq qaddu jistenna tweġiba.

"Kif inhi din!" għajjat Nazju mistagħġeb. "It-*talkies?* Mela din mhix il-karrozza tal-linja? Mela għalhekk ili nistenna ħafna u m'hemmx li nitilqu!"

Daqs xahar wara Nazju ġie msejjaħ quddiem tliet sinjuri, fosthom tabib. Sarlu eżami bir-reqqa u għamlulu eżami kif imiss. Nazju għaraf iwieġeb tajjeb u b'riħet hekk għaddewh ta' agħma u tefgħuh 'il barra.

Feraħ missieru għax ġiebha żewġ, iżda wisq iktar ibnu li tgħallem jisma' minnu.

# LIL MARTI

## (F'Għeluq Twelidha)

*Ta'* Pawlu Aquilina

U mieghek, lil uliedna:
Mario u Robert.

Inħossni ma nafx kif u kemm minn qalbi.
Niflaħ inferra' mħabbti fik il-lum . . .
Fik li waħħadtni mat-tektik ta' qalbek
Biex tgħajjex ħajtek b'ħajti, ta' kuljum!

Fik li sibt l-hena, is-serħan, il-faraġ,
Il-ħajja mbewsa minn xofftejn is-sliem . . .
Fik fejn indewweb it-tnehid, in-niket,
U fejn id-dmugħ ta' qalbi jsib it-tmiem!

Kif nista' ma nħobbokx, kif nista' nitfi
Lili nnifsi, jekk jien inbdilt f'nirien?!
Kif jista' n-nar jeqred setgħet twelidu
U jsir is-silġ tal-għolja u tal-widien?!

Ah! Marti . . . Marti! Iż-żerniq ta' ħajti!
Il-kewkba tħeġġeġ fil-lejliet reżħin . . .
Ix-xemx li fietla tbewwes ward il-ġonna . . .
fil-għanja ta' l-agħsafar ferħanin . . .

Mhux int li tajtni l-milja ta' xbihetek
Magħġuna ma' xbiheti, b'demmna t-tnejn?!
Mhux int laħħamt il-ħolma ta' żogħżitna,
Fil-barka wtieqa t'Alla, għal darbtejn?!

Hares lejn fommhom, lejn għajnejhom safja,
Jitbissmu hienja! Mhumiex ħbub għajnejk?
Mhemmx jilmaw fihom int u jien? Xbihetna?
Mhumiex ħaddejhom fawra ta' ħaddejk?

Ma tħossokx bħali tgħix kull ħin ġo fihom,
Magħhom titniehed, tieħu n-nifs, tistrieħ,
Titbissem hienja meta t-tnejn f'saħħithom . . . .
Titnikket f'dieqa meta t-tnejn fl-uġigħ?

Hekk sirna jien u int, aħna w uliedna . . .
Sirna ruħ waħda waqt il-ferħ u l-hemm
U twaħħdu qlubna, saru l-lum qalb waħda
Li taf ħajjitha 'l ta' mħabbitna d-demm!

U nibqgħu fihom ngħixu t-tnejn, nitkattru;
Għax imħabbitna m'għandha qatt waqfien;
Hi tgħix fil-mewt; bħal sigra trodd il-ħajja
Fiż-żerriegħa w il-frott, f'newbet iż-żmien!

Għalhekk, ja marti, meta l-lum ġo ħarstek
Tixtorob ħarsti u ddub ruħi fik,
Inħossi dieħel ġewwa l-istess ġenna
Ta' ħolm, ta' ħajja . . . u nitgħajjex bik.

Bħal dak in-nhar . . . bħal dik il-lejla tfawwar
Fiż-żah'r, bil-freżja, u bil-ġiżi jfuħ
Ta' Marzu, xah'r twelidek, meta rbaħtni
U ħkimtli qalbi sħiħa ta' żagħżugħ . . .

U ta' kull sena, meta jasal Marzu
Bil-ward u jbusek artab fuq ħaddejk . . .
Terġa' ġo fina l-ħolma taż-żogħżija,
Safja u sabiħa ġewwa ħbub għajnejk!

5 ta' Marzu, 1961.

---

## KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA TAL-GĦAQDA

**Ir-Rużarju**

Xandir ta' Kultura Dumnikana, Vol. XIII No. 1 (minn għand Patri Valentin Barbara, O.P.)

**The Young Listener**

5th Year, March, 1961, April, 1961, No. 7. May, 1961, No. 8. (Mill-Information Office, b'mezz tas-Sur Karmenu Vassallo).

# IN-NAWFRAĠJU

*Ta'* Br. Henry F.S.C.

*B'tifkira ta' l-Ewwel Anniversarju tal-Festi Ċentinarji ta' San Pawl.*

Pawlu bil-wieqfa, ħarstu fuq l-għedewwa,
Bi kliem meqjus iwieġeb kollu ħeġġa :
"Jien miniex ħati, le! Jien għidt is-sewwa".
U kliemu ħarbat dawk il-Lhud bħal vleġġa.
"La ksirt il-Liġi, la kasbart it-Tempju;
Ta' sedqa w ta' ħelsien, jien nibqa' xempju".

Il-ħakem Festus minn dal-kliem imsaħħar,
Talab lil Pawlu jitla' l-Belt biex jerġa'
Quddiem is-Sanhedrin jistqarr għall-aħħar
Għemilu w Dinu mindu l-ewweel ħarġa.
Hawn Pawlu mnebbaħ wieġeb ta' qalbieni :
"Jien quddiem Ċesri mmur marbut 'ma hieni!"

Fuq mirkeb żgħir, ġo qala sbejħa, wiesgħa,
Kien jinsab Pawlu, b'xi ħabsin imsejkna;
Infetħu l-qlugħ u telgħu dlonk l-għassiesa;
Qalgħu 'l barra, tbegħ'du mill-belt ċkejkna.
"Għal Ruma!" qal ir-rajjes b'leħen qawwi,
U l-mirkeb żiġġ ħafif flimkien mal-gawwi.

X'ħin fuq il-mewġ lubien bdiet tgħib id-dija,
U l-ħemda żdiedet; waqqħet reżħa kbira;
Pawlu qagħ'd jaħseb... Darba filgħaxija,
Qallu l-Mulej : "Mur xandar it-Taħbira,
Fil-Belt il-Kbira mur, Jien dejjem miegħek;
Int il-ġnus kollha għodd b'qaddejja tiegħek".

U wara d-dalma sebaħ jum ta' sħana,
Il-mirkeb baqa' miexi qrib ix-xtajta;
Ix-xemx tiżreġ qatigħ; in-nies għarqana;
Meta fil-beraħ fis instemgħet għajta :
"Sidun! Sidun!" iċ-ċorma ġriet biex tara
Il-mirkeb dieħel dritt fis-skiet, bla ħsara.

Xterdet l-aħbar fost nies twajbin u Nsara,
Pawlu r-Rasul ġie fostna biex jarana,
Laqgħa ta' sliem. Kulħadd ferħan bil-bxara,
Inġabru jisimgħuh; x'uħud beżgħana.
Ilkoll bi swied il-qalb jarawh jitbiegħed...
"Nerġgħu niltaqgħu, ħbieb!", qal Pawlu u tniehed.

Inżul ix-xemx. Il-mirkeb jaqta' ġmielu;
'Ma minnufih jinqala' riħ imwiegħer;
Fis dawru l-qlugħ; fil-ħin fuq naħa mielu,
Għajnejhom fuq il-bdot u ħadd ma jmiegħer;
Għall-kenn ta' Ċipru waslu bi tbatija,
Kif heda r-riħ, komplew ibaħħru l-bqija.

Waslu bil-qajla u mingħajr xkiel ġo Myra,
Ir-rajjes amar lil kulħadd jitħejja
Biex jinżel l-art; imbagħ'd il-ġemgħa l-kbira
Fuq mirkeb ieħor telgħet mal-mexxejja.
U f'qalb ir-rajjes żdiedet dlonk il-ħniena
Lejn Pawlu l-priġunier u lejn il-ħżiena.

Bir-riħ jonfoħ fil-qlugħ, imil mal-mewġa,
Ħareġ il-mirkeb minn ġol-kenn għall-beraħ;
Fuq baħar wiesa', kbir, maħkum mill-fewġa,
Fid-dija, fost l-għajat... u kulħadd feraħ.
U baħħru sewwa, b'tama sħiħa f'qalbhom,
Li jaslu lkoll fil-port bis-sliem, kien talbhom.

Wara ftit jiem qam riħ ħażin inewwaħ;
Kiber il-mewġ u qajla mxew ħosbiena,
Jitbandlu sħiħ fuq baħar żorr, imġewwaħ,
Qrib Knida għaddew b'xi tama, iżd'għajjiena;
'Ma l-qawwa ta' l-irjieħ malajr kaxkrithom
'Il bogħod mill-kenn fejn xtaqu li wasslithom.

Il-majjistral żied jonfoħ mingħajr heda,
Kulħadd imidd idejh : tajbin u ħżiena.
Il-bdot u r-rajjes ftiehmu li taħt Kreta
Isibu kenn mir-riħ, daqsxejn tal-ħniena.
Pawlu bi kliemu jqawwi qlub il-ġemgħa,
Iwissi, igħin u jitlob sħiħ lis-Sema.

Kif qorbu sew lejn nofs in-nhar tal-Gżira,
Lemħu 'l Salmun, għaddew bil-ferħ quddiemha,
Baħħru max-xatt sakemm ġiet it-taħbira :
"L-aħwa deħlin għall-kenn! deħlin bis-sliema!
U ħdejn Lisajja waqfu lkoll ferrieħa;
Fis niżlu l-art u qagħdu hemm mistrieħa.

Aktar ma jgħaddi ż-żmien, ir-riħ u l-baħar
Bdew fis jiħraxu... s-safar naqas sewwa;
Ftit jissograw. Min jasal sħiħ jiftaħar,
Min aktar għaqli jagħżel jibqa' ġewwa.
Il-ġemgħa bdiet titħasseb, bdiet titkellem;
Hawn Pawlu għolla leħnu sod u sellem :

"Sħabi, jidhirli li aħjar għalina
Ma nitbegħdux minn hawn waqt din is-siegħa.
Il-baħar qed jiqliel, dan iwissina
Li jekk insiefru nidħlu f'xi taqtigħa".
'Ma r-rajjes ma qabilx; ma riedx li jwaħħru,
Amar malajr lill-bdot sabiex ibaħħru.

Hekk malli tqanqal riħ ħafif u tajjeb,
Dlonk tellgħu l-ankri; telqu għalenija;
Kien ftit tal-bard; is-sema kien imgħajjeb,
'Ma riedu jinżlu f'art aktar kennija.
U bilġri baqgħu sejra, b'tama kbira,
Biex jilħqu Phoenix : kenn ħanin tal-gżira.

Fil-ħin idur ir-riħ, jiħrax il-baħar;
Iqum grigal qalil; xi nies titwaħħax;
Il-mirkeb jogħla, jgħods... ħadd ma jiftaħar;
Min jitlob lill-allat, min kliemu jfaħħax.
Tħabtu qatigħ u għamlu ftit tal-ħila,
'Ma r-riefnu ġarrhom mal-mewġiet qalila.

Mill-bogħod, taħt sema griż, ix-xita nieżla,
Jilmħu lil Kawda; xtaqu jidħlu fiha;
Baħrin u nies u rajjes saru bieżla
Biex forsi jrażżnu l-qilla tat-taqtigħa.
Bl-akbar taħbit mal-mirkeb dawru l-ħbula,
U d-dgħajsa tellgħu; kienu nies magħżula.

Is-sħab ma jaqta' qatt, ir-riħ, ix-xita,
Il-ħalel jgħaddu jiġru kollha ragħwa,
In-nies imbażża'... tonqos minn tamitha,
Sew f'dik is-siegħa l-bdot b'theddid, b'xi dagħwa,
Amar li jniżżlu l-qala' l-wiesa' tagħhom
U jerħu l-ankra tkaxkar fl-ilma magħhom.

Iżda t-tiġrib żied jikber ma' kull ħalla,
Sikwit xi mewġa tgħatti l-mirkeb b'sabta,
Tgħargħar kull m'hemm; 'ma Pawlu jafda f'Alla.
Il-bdot ħosbien; ir-rajjes ġiegħel f'ħabta
Iwaddbu l-baħar qmuħ u xkiel bla ħniena,
Ibattlu l-ilma u jkunu ftit qalbiena.

Imkarkra 'l hawn u 'l hinn fuq baħar wiesa',
Imhedda mill-irjieħ, miċ-ċirċ, mid-dalma,
Il-ġemgħa kienet issa qatgħet jiesha;
Tistenna l-mewt. Hawn Pawlu qam bil-kalma,
Għajnejn kulħadd dlonk daru lejh għajjiena
Jittalbu kelma biss, kelma ta' ħniena.

Fost it-tkarwit tar-ragħ'd, b'leħen ta' ħila,
Pawlu l-qalbien bil-ħeġġa mar igħidilhom:
"Li smajtu minni, kieku dit-taħbila
Ma konna qatt inġarrbu, ħbieb", qalilhom:
"La tibżgħu xejn. L-anġlu dal-lejl ġie jgħarraf,
Li l-ebda wieħed minna ma jiġġarraf."

"Mel'għamlu l-qalb! Isimgħu dit-taħbira:
Trejqu kif tistgħu f'dawn il-jiem mudlama,
Dalwaqt inkunu mixħutin fuq Gżira.
Jien nitma fil-Mulej u Fih nittama!"
Kif temm dal-kliem, il-ġemgħa għalenija
Reġgħet għal ħidma iebsa bi qlubija.

Qorob il-lejl. Il-mirkeb dejjem sejjer...
Sikwit iberraq, 'ma l-baħrin imħeġġa
Baqgħu jissieltu... reġgħu battlu x-xkejjer;
U issa ntebħu li ma' l-ewwel feġġa,
Ikunu qrib xi art kif Pawlu ħabbar;
Ikunu ħielsa lkoll. Kulħadd issabbar.

Ħawnhekk il-bdot ġagħ'lhom inizżlu f'daqqa,
Erba' ankri kbar; filwaqt li ftit ħosbieni
Waqaf jissemma': mewġ, riħ, xita tfaqqa'...
U l-baħrin ftiehmu biex jaħarbu kmieni.
Pawlu wissiehom biex jibqgħu fejn huma,
Għaliex isalvaw żgur u jaslu Ruma.

Ir-rajjes amar: "Aqtgħu dawk il-ħbula,
U waddbu d-dgħajsa l-baħar; uru ħila".
U Pawlu żied: "Ja ħbieb, mill-bliet, mir-rħula,
Kulu u ssaħħu; qrib is-siegħa tqila".
U fuq il-ħobż u l-ġemgħa radd il-barka,
Trejjaq kulħadd, dan kien għalihom tarka.

Il-għada kmieni nstemgħet għajta kbira:
"Oh, l-art! Oh, l-art!" 'Il b'għod 'il b'għod raw bajja,
X'uħud ukoll lemħu bħal ramla żgħira;
Fehmu li jibqgħu dieħla dritt ġol-plajja.
U refgħu l-ankri; tellgħu fis il-qala',
Hallew it-tmun u b'tama liema bħalha

Għal ġewwa ġrew biex jilħqu l-art ħanina;
'Ma f'daqqa l-mirkeb weħel. O kefrija!
Minn fuq kulħadd għaddiet siegħa ħażina;
Il-għases riedu wkoll ixerrdu d-dmija.
'Ma r-rajjes rażżan minnufih il-ġemgħa,
Filwaqt li Pawlu talab b'ħerqa s-Sema.

Il-mirkeb triegħed... qliel il-mewġ qerriedi;
Itqaċċtu l-qlugħ, il-poppa bdiet titkisser...
Kien wasal dak il-ħin minn Pawlu mniedi,
Hin ta' taqtigħ il-qalb li ħadd ma jfisser.
Bla telf ta' żmien ir-rajjes ġabar niesu,
Heġġiġhom sħiħ biex ħadd ma jaqta' jiesu.

Imbagħ'd fost dawk il-ħalel kiefra nxteħtu,
Min kien jaf igħum, quddiem; l-oħrajn beżgħana
Qabdu ma' xi għewied... lil riżqhom seħtu;
U bdew jitqabdu mal-mewġiet felħana.
Wara ħafna taħbit, Pawlu u l-għawwiema,
Fuq dik ix-xtajta waslu lkoll bis-sliema.

Ferħu tassew. Il-ġemgħa ġiet bi ħġarha
Madwar Pawlu l-qalbien, rasul waħdieni;
U iżżewh ħajr. Imbagħad staqsew bi ħrara:
"Min jaf fejn aħna? X'jismu l-kenn hekk hieni?"
"Malta!" qal wieħed. "Malta!" dwiet il-ħalla...
"Malta", stqarr Pawlu, "l-art imbierka mn'Alla".

Mill-qrib inġabret il-Maltin biex tara
Il-ġemgħa fuq ix-xatt bil-bard mirżuħa;
Ħennet għalihom. U kollha ħrara
Qabbdet in-nar. Il-ġemgħat sfat mirbuħa.
Issaħħnu, ferħu, tkellmu fuq il-ġrajja,
Fuq fdal il-mirkeb ħarsu 'l hinn fil-bajja.

Il-bard jiżdied... In-nar beda jintefa,
Hawn Pawlu qabad gozz għollieq u hieni
F'dik il-ħuġġieġa qiegħda tnemnem tefa',
U minnufih in-nar ħeġġeġ ħosbieni.
Bħal leħħa telgħet lifgħa b'semm mimlija,
M'id Pawlu qabdet. "Tiegħu żgur il-ħtija!"

Qalu l-Maltin u dlonk stennewh jistabat...
'Ma Pawlu baqa' wieqaf, ħaj, qalbieni.
Qalu : "Dan alla żgur u f'artna ħabat".
Stagħġbu, qimuh, talbuh id-Dawl waħdieni.
Fil-qrib, fil-b'għod, fis xterdet it-Taħbira...
U f'Malta dan il-Jum jibqa' Tifkira.

---

## FOTOGRAFI FIR-REĊENSJONIJIET

**Min jibgħat xi reċensjoni għal "IL-MALTI" u fiha jkun jixtieq li tidher il-fotografija ta' l-Awtur li għalih issir ir-reċensjoni huwa mitlub li jibgħat lill-Editur ta' "IL-MALTI" (jew lill-Assistent tiegħu) flimkien mar-reċensjoni,** *cliché* **tal-fotografija li ma jkunx ikbar minn pulzier u 7 linji b'pulzier u 2 linji.**

## ORQOD TFAJJEL, ORQOD

*Ta'* Peter A. Caruana

Orqod tfajjel fil-benniena;
agħlaq dawk is-sbieħ għajnejk;
ibqa' rieqed, ibqa' rieqed,
bla ma tħarrek dawk xofftejk.

Fuq driegħ ommok tfajjel orqod:
Fuq dirgħajha ma tmut qatt.
Ibqa' rieqed, ibqa' rieqed;
tistenbaħx; la tmur għand ħadd.

Orqod tfajjel, orqod hieni
ġewwa n-nieqa taċ-ċkejknin.
Ibqa' rieqed, ibqa' rieqed
tiġix tgħix magħna l-bnedmin.

La tqum qatt min-nieqa tiegħek:
Ibqa' rieqed tul iż-żmien.
Ibqa' rieqed, ibqa' rieqed
bla tixxennaq tmur imkien.

Fil-benniena tfajjel orqod,
u fid-dinja taħseb xejn.
Ibqa' rieqed, ibqa' rieqed
tħarrek qatt dawk ix-xofftejn.

Ibqa' rieqed ġewwa n-nieqa,
tiftaħx fommok f'dan il-hemm.
Ibqa' rieqed, ibqa' rieqed,
f'dan il-wied ta' dmugħ u demm.

Tfajjel ħlejju dejjem orqod
qalbek safja bħall-ħamiem.
Ibqa' rieqed, ibqa' rieqed,
fi driegħ ommok tul il-jiem.

Orqod tfajjel f'din id-dinja;
żomm magħluqa dawk għajnejk:
Tagħtix kas in-nies li tieqaf
kollha mħassba tħares lejk.

Ibqa' rieqed, ibqa' rieqed,
u b'li għidtlek tgħid lil ħadd...
Ibqa' rieqed fil-benniena:
Saltan waħdek fuq kuħadd.

# EPIGRAMMI

*Ta'* E. QUATTROMANI

### IL-LAHAM U L-ĠIMGHA

Daħal raġel f'ħanut u laħam ordna
U tal-ħanut dlonk fakkru: "Il-Ġimgħa l-lum".
"Jista' l-kelb jiekol laħam?" — dak staqsieh,
U l-ieħor: "Għall-bhejjem jiswa kuljum".

### FROTT IEBES

"Dan x'langas hu?: Dan ġandar!", għajjat Ċikku,
"F'pajjiżna ntuh lill-ħnieżer frott bħal dan!"
"Ma niskantax, għax aħna wkoll hekk nagħmlu",
Fis wieġeb il-bejjiegħ, kollu daħkan.

### IL-KMAND FID-DAR

"Kif int sejjer mal-mara?" staqsieh Ġanni.
Pietru wieġeb: "Il-kmand ġewwa d-dar tagħna
M'għadux aktar f'idejha; strieħet minnu.
Għax 'l ommha din il-ġimgħa ġiebet magħna".

### L-IMHALLEF U L-KREDITUR

"Għidli xi kemm imgħax ħadtlu fil-lira?"
Staqsa l-imħallef 'l wieħed kreditur.
"Xejn iżjed, Sur Imħallef", dana wieġbu;
"Sewwa sew daqs kemm lilek nieħu żgur".

### EPITAFFJU

Ġo dan il-qabar jinsab midfun
Bniedem li f'ħajtu kien nofs miġnun,
Għaliex fil-liri jemmen biss kien
U qatt ma ħaseb fl-imsejken flien.
Il-liri kollha li kellu tiegħu
Ried li jindifnu fil-qabar miegħu.

# REĊENSJONIJIET

**IL-ĦALLIEL IT-TAJJEB** — Rumanz Storiku-Sagru, miġjub fl-Ilsien Malti minn Ġużè Muscat Azzopardi, (Union Press, 1960).



**Ġużè Muscat Azzopardi**

Dan huwa wieħed mir-rumanzi storiċi-sagri li l-magħruf rumanzier Ġużè Muscat Azzopardi kien qaleb għall-Malti mill-versjoni Taljana ta' Cheti u Du Mohr. L-aħwa Ivo u Ġino Muscat Azzopardi ġabruh u stampawh f'daqsxejn ta' ktieb biex min ma kellux ix-xorti jaqrah bit-Taljan ikun jista' jaqra dan ir-rumanz bil-Malti li forsi qatt ma kien jaf bih qabel, rumanz imsemmi għan-nisġa u ħlewwa tiegħu li fih innifsu huwa kwadru mill-iktar ħaj tal-ħajja fil-Palestina fi żmien Sidna Ġesù Kristu.

Din mhix l-ewwel darba li l-aħwa Muscat Azzopardi, bi ħsieb hekk sabiħ, għoġobhom jerġgħu jġeddu l-istampa b'edizzjoni iżjed xierqa u bl-ortografija l-ġdida tal-Għaqda xi kotba oħra tal-magħruf rumanzier missierhom—li ismu jinsab f'ras l-ewwel paġna tal-letteratura Maltija tal-lum. Fost dawn il-kotba ta' min isemmi l-edizzjonijiet ġodda ta' Nazju Ellul, Ċensu Barbara, Viku Mason u xi oħrajn.

Dan ir-rumanz fil-versjoni Taljana kien deher bl-isem ta' "Il-Compagno della Croce", li Ġużè Muscat Azzopardi biddel fl-isem popolari ta' "Il-Ħalliel it-Tajjeb".

Is-suġġett u n-nisġa ta' dan ir-rumanz mibni fuq fond bibliku ta' żmien Sidna Ġesù Kristu iqegħdilna quddiem għajnejna wieħed mill-isbaħ kwadri tal-ħajja, drawwiet u xeni ta' dawk iż-żmienijiet fil-Palestina u l-Galilija b'episodji meħudin mill-aħħar snin tal-ħajja ta' Kristu li fihom il-*Ħalliel it-Tajjeb* għandu l-iktar sehem mix-xena tal-Palazz ta' Kajfas sakemm, wara ġrajjiet l-iktar imwiegħra, taħt l-isem ta' Titu, bla ħtija ta' xejn, narawh jitkaxkar bis-salib fuq spalltu wara Kristu, u miegħu l-Ħalliel l-Ħażin, li kien serqu tarbija, tiela' lejn il-Kalvarju.

Fost il-kotba sbieħ li qaleb għall-Malti G.M.A. ta' min isemmi dawn ir-rumanzi li għandhom fond storiku Malti, li huma: *Mattew Callus, Il-Għarusa tal-Mosta, Pawlu Xara, Ix-Xbejba tar-Rdum* li meta kitibhom, dwar l-1878-1879, kienu l-ewwel xogħlijiet letterarji bil-Malti mill-pinna ta'

Ġ.M.A. *Il-Ħalliel it-Tajjeb* miktub dwar l-1901 huwa xogħol wisq aktar mirqum fl-istil minn dak li nsibu f'dawk ta' qabel, għalkemm ma nistgħux ingħidu li jlaħħaq ma' dak ta' *Nazju Ellul*, xogħol oriġinali, miktub u stampat fi-1909.

Din l-edizzjoni ta' *Il-Ħalliel it-Tajjeb* hija stampata b'tipi ċari u sbieħ b'legatura tajba, iżda dnub li f'xi kopji tal-ktieb il-marġinatura hija dejqa u mhux uniformi fil-qtugħ tal-paġni. 'L hawn u 'l hinn hemm xi għiltijiet żgħar ta' l-istampa li nixtiequ naraw imsewwijin fit-tieni edizzjoni.

Il-ktieb ta' min jinkiseb minn dawk kollha li jħobbu jaqraw rumanz imżewwaq u mexxej fl-istil, ktieb li meta tibda taqrah ma terħiħx minn idejk qabel ma taqrah sal-aħħar faċċata.

Jinsab għall-bejħ għand il-librara kollha.



**"ĠABRA TA' PROŻA GĦAT-TFAL"** ta' R. Vella Tomlin. It-Tielet Ktieb, A.C. Aquilina & Co., Malta — 1960. Paġni 226.

Wasliлna t-tielet ktieb tal-"Ġabra Ta' Proża Għat-Tfal" u kif konna nistennew sibna li dan il-ktieb ma jagħmelx għajb lit-tnejn ta' qablu. Is-Sur Reginald mexa fit-triq li kien fetaħ missieru s-Sur Manwel, li kien l-ewwel wieħed fost is-Surmastrijiet tal-Iskejjel tal-Gvern li ġabar u qassam damma ta' kotba — "Ġabra Ta' Ward", adattati skond il-klassi u l-età tat-tfal li jaqrawhom fl-iskejjel.

Il-materjal li fih dan it-tielet ktieb hu ta' livell ogħla minn dak ta' qablu għax l-editur żamm fuq il-prinċipju fondamentali ta' tagħlim gradwat. Dan is-sistema ta' tagħlim li jibda b'kitba ta' soġġetti u stil ħfief għat-tfal ta' klassijiet żgħar u mbagħad jibqa' jogħla minn klassi għall-oħra sa jasal fl-aħħar klassi, jidher tajjeb f'din is-serje ta' Vella Tomlin li, jekk wieħed isegwiha bil-għaqal u bid-dehen, jitgħallem sewwa, dwar prożaturi Maltin, ix-xogħlijiet tagħhom u l-istil li jagħżilhom wieħed mill-ieħor.

F'dan il-ktieb il-qarrej isib xogħlijiet ta' kittieba li għadhom ma laħqux il-grad ta' awturi nazzjonali; imma anke kittieba bħal dawn kitbu bċejjeċ ta' ġmiel u sbuħija letterarja li jixirqilhom post f'antoloġija. F'dan il-ktieb jidhru wkoll bċejjeċ ta' awturi li għamlu isem bħala poeti; il-qari ta' dawn is-siltiet hu ta' interess għax, jixħet dawl fuq kif moħħ il-poeta jaħdem biex ifisser il-ħsieb tiegħu fi proża.

Ħaġa oħra l wieħed jiltaqa' magħha f'dan il-ktieb hi t-tqassir ta' xogħolijiet twal, rumanzi sħaħ, fi ftit paġni. Dan jista' iservi bħala xempju ta' *preċis writing* imma fuq kollox jinqara aktar bid-dehra għax jagħti fil-qosor il-ġrajja tal-ktieb u ma jħallix lill-qarrej bil-kurżità kif jiġrilu meta jaqra siltiet biss minn ktieb narrativ.

Bħala ktieb għal-qari tat-tfal din il-biċċa xogħol hi ta' fejda għax tgħallimhom l-istil, ix-xejra, il-ħsieb u s-sengħa ta' kittieba Maltin u tagħtihom ħjiel ta' kif sviluppat ruħha l-letteratura tagħna l-aktar fl-aħħar nofs seklu. Il-ktieb fih siltiet mill-kitba ta' xi awturi qodma, imma l-ġabra kollha hi għelm u xhieda tal-mewġa glorjuża li qamet fi żmienna u li ġerriet u għolliet il-proża Maltija sa laħħqitha fl-isfera artistika.

Imma dan li ktibna s'issa ma jfissirx li dan il-ktieb jiswa biss għall-qari tat-tfal. Meta bdejna naqrawh kellna din il-fehma f'moħħna, iżda malli qrajna ftit paġni, intbaħna li l-ktieb igħodd għall kbar daqs kemm jgħodd għaż-żgħar jekk mhux xi ftit aktar. Fil-ħajja mgħaġġla li qegħdin ngħixu, ftit insibu żmien biex naqraw xogħlijiet twal mill-ewwel sa l-aħħar kapitlu wara l-ieħor. Il-lum ħafna qarrejja jagħżlu kotba li minnhom jistgħu jaqraw biċċiet maħlulin minn xulxin. Minħabba f'hekk dan il-ktieb jingħoġob mill-kbar ukoll u għandu jinxtara u jinqara minnhom.

G.

**"THE MALTA DIRECTORY & TRADE INDEX 1960/1961"**
Malta Publicity Service Ltd., Valletta.

Irċivejna "The Malta Directory & Trade Index" għas-snin 1960/1961. Din id-darba l-edizzjoni ma hix anqas minn dawk ta' qabel, anzi hi aħjar mit-tnejn li ħarġu qabilha kemm għal materjal, kemm għal-għamla, kemm għal istampar kif ukoll għat-taqsim tat-tagħrif li fih il-ktieb.

Din il-pubblikazzjoni l-lum ħadet post fil-ħajja kummerċjali, professjonali, soċjali u turistika ta' din il-Gżira tagħna tant li ma hemmx uffiċċju jew aġenzija ikkunsidrati kompliti bla kopja ta' dan id-direttorju. Dan il-ktieb sar essenzjali fil-prattika tal-kummerċ jew tar-relazzonijiet soċjali ta' pajjiżna.

Laqatna l-mod li bih dan id-direttorju hu mqassam: mod ħafif u prattiku hekk li jista' jkun ikkonsultat bla taħbit. Fih erba' taqsimiet. L-ewwel waħda tiġbor artikoli ta' interess ġenerali u turistiku kollha serji u awtoritarji miktuba minn persunaġġi magħrufin bħala esperti fis-suġġett li fuqu kitbu. It-tieni taqsima fiha indiċi tan-negozjanti, kummerċjanti, professjonisti u nies prominenti, imqassmin f'kategoriji hekk li wieħed isibha ħafif ħafna biex ifittex lil min irid u jsibu malajr. It-tielet u r-raba' taqsimiet fihom tagħrif dwar kummerċ, industrja dwar soċjetajiet, unions, għaqdiet, kumitati u korpi bl-uffiċjali tagħhom, l-indirizz u l-ħidmiet jew l-iskopijiet tagħhom. Ix-xogħol kollu mbagħad huwa kompatt u korrenti b'mod li jaqdi lil kulħadd, jagħti t-tagħrif kollu immaġinabbli li wieħed jista' jixtieq. Din hi r-raġuni tal-popolarità ta' dan id-direttorju fost il-Maltin u l-barranin. Semmejna l-Maltin u l-barranin biex nuru li dan il-ktieb il-lum stabilixxa ruħu f'Malta u barra minn Malta u jinsab mhux biss fl-uffiċċji Maltin imma wkoll fl-uffiċċji ta' ditti, kmamar ta' kummerċ u aġenziji barra minn pajjiżna u għalhekk il-lum dan il-ktieb ta' informazzjoni daħal fl-isfera internazzjonali.

G.

**"KTIEB TAX-XORB"** ta' K. Vella Haber.

Stampat fid-Dar ta' San Ġużepp — Ħamrun, 1961 paġni 28.

Dan hu ktieb ieħor fis-serje ta' kotba ta' tagħlim li qiegħed joħroġ is-Sur Kelinu Vella Haber tad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Il-kotba ta' qabel fuq il-frott u l-ħxejjex kellhom suċċess u hekk nisperaw li jkollu dan l-aħħar xogħol għax fih kulma jeħtieġ biex wieħed dilettant jippreżenta qatra xorb tajba għalih u għal familja tiegħu.

Il-ktieb jibda b'tagħrif dwar dak kollu li wieħed jeħtieġlu qabel jibda jagħsar, isajjar, iħallat u jħawwad. Dan it-tagħrif, għalkemm mhux tqil b'ħafna espresjonijiet tekniċi, hu ċar u ħafif, jinftehim malajr.

Wara dan it-tagħrif ġenerali l-awtur igħaddi biex ifisser kif isiru likuri, imbejjed, estratti, ġuleppi u rożolin. Dak li laqatna f'dan il-ktieb hu li l-awtur ma għafasx fuq sistemi jew metodi għal falbrikazzjoni kbira u kummerċjali, iżda żamm biss fuq il-produzzjoni għall-iskop familjari u konsum fid-dar.

Il-lum hawn ħafna nies il jitħajru jagħmlu b'idejhom xogħlijiet għaddar tagħhom; dan il-ktieb jurihom u jgħallimhom kif jilestu kartoċċ inbid jew ftit fliexken xorb bnin li jnissel hena u ferħ fost in-nies taddar u l-ħbieb li jmorru jżuruhom, għax skond is-silta li l-awtur ġieb fl-ewwel paġna tal-ktieb *"fruges consumere nati!"*

G.

**POEŻIJI** — Rużar Briffa; Malta, Lux Press, 1960; pp. 133.

Konna ilna nixtieq],u nistennew li l-poeżiji tat-tabib Rużar Briffa jinġabru u jindammu fi ktieb wieħed. Barra milli lilu, aħna nfusna (u aktarx li mhux aħna biss) konna ħajjarna u ħeġġiġna kemm-il darba jagħmlu hekk ukoll lill-Professur Patri Anastasju Cuschieri O.C. u lill-Patri Ġużeppi Delia S.J. Waqt li dak (li issa ilu ħafna mixħut f'qiegħ ta' sodda aktarx mingħajr tama li jerġa' jieħu saħħtu) uriena bi tbissima li ma kienx iħossu miġbud biex jagħmel hekk, dan mill-ewwel wera li jħossu mħajjar jilqa' talbna u, wara li ġabrilna fi ktieb il-leġġendi sbieħ tiegħu, qiegħed issa jħabrek u jara kif jagħmel biex jagħtina fi ktieb ieħor il-bqija tal-poeżiji li kiteb mill-1926 'il hawn. Għalhekk dan il-ktieb, POEŻIJI, ta' Rużar Briffa ma setax ma jkunx milqugħ tassew b'merħba u bi pjaċir.

Rużar Briffa ilu magħruf ħafna bħala poeta Malti, u aktarx ukoll bħala l-akbar poeta liriku wara Dun Karm li għarfu u għażlu minn ta' l-ewwel b'hekk. U tabilħaqq, meta fil-*Pronostku Malti* tal-1930 deher il-poeżija tiegħu "Wieħed Biss" bid-dedika 'Lil Dun Karm, poeta', Dun Karm baqa' hekk milqut li wieġeb b'oħra minn tiegħu, jisimha "Waħda Biss..." u iddedikata 'Lil Rużar Briffa, poeta', f'*Il-Malti* ta' Ġunju 1930. Il-poeżija "Wieħed Biss" kienet, għadha u tibqa' waħda mill-aqwa u mill-akbar li nkitbu bi Lsienna. Il-konċiżjoni li fiha, il-kliem magħżul u f'ħin wieħed ħafif li bih issawret, id-dawl u l-ħajr u l-benna li bihom tfawwar mill-bidu sat-tmiem, barra mill-oriġinalità u fwejjaħ u ħwawar oħra li fihom titgħawwem, jagħżlu lil min kitibha minn poeti oħrajn u jgħolluh 'il fuq mhux ftit. Il-pinzell ta' l-aħjar pittur ma satax jaqla' aħjar ix-xbieha ta' Marija Maddalena milli qalgħetha l-pinna ta' Briffa fil-versi:

Min ħabbha fl-għaxija
U dilek lil xuxtha bil-fwieħa,
Stkerrahha fil-għodu
U sammar dnubietha ma' ġieħha.
Ħammarha,
Għajjarha:
"Il-mara tad-dnub!"

Il-vers ta' qabel l-aħħar wieħed, '*I*tkexkxet il-kotra miġmugħa filqrib' (kif deher mitbugħ l-ewwel darba bil-vokali prostetika *I* mal-verb *tkexkxet*), għoġobna iżjed minn kif deher mitbugħ dan l-aħħar fil-ktieb bil-konġunzjoni *U* minflok l-*I* qabel l-istess verb.

Rużar Briffa kien għamel isem ukoll bħala poeta oriġinali u mill-aħjar bil-ballati tiegħu—waħda minnhom dik li tibda bil-vers 'Fil-ħemda ta' ġnejna dellija' u li kienet dehret fil-*Pronostku Malti* tal-1928, mogħtija t-tielet premju, flimkien mal-poeżija l-oħra tiegħu "Lil Ommi" *(Benniñni ħa norqod)* li kienet ħaditlu l-ewwel; u l-oħra dik li kienet dehret fl-ewwel għadd ta' *Leħen il-Malti*, Marzu 1931, p. 2, u li tiftaħ bil-versi:

Kull fl-għaxija x'ħin id-dalma
tifrex tulha u l-ħajja tnin,
minn ġo knisja mwarrba, siekta,
jidwi leħen.

(Il-versi li aħna slitna minn "Wieħed Biss" ħallejniehom kif kienu dehru fil-*Pronpsku Maltì*, i.e. kollha b'ittra kbira fil-bidu ta' kull vers; waqt li dawn ta' l-aħħar nizzilniehom kif jidhru fil-ktieb u mhux kif kienu dehru f'*Leħen il-Malti.*) Għadna niftakru qisu l-bieraħ, il-ballati ta' Rużar Briffa kienu ntgħoġbu hekk li xi poeti oħra tħajru jiktbu bħalhom. Imma, kif aktarx jiġri dejjem, l-imitazzjonijiet sfaw mitruħa u bla ħajr, waqt li dawk oriġinali ta' Briffa baqgħu friski u għadhom u jibqgħu jfewħu ħelwin min jaf sa kemm.

Rużar Briffa, u bħalu Ġorġ Pisani, safejn naf jien, ħarġu żwiemel tal-ġiri mill-ewwel f'dik li hi poeżija lirika. Bil-maqlub, Ġużè Chetcuti u jien għotorna u waqajna kemm-il darba qabel ma qbadna Triq it-Tiġrija u r-Rebħ—Triq li mbagħad bqajna fiha sal-lum, qawwijin u sħaħ, mhux kif konna fi ftuħ żgħożitna. Dak iż-żmien, bla ma kont nista' ngħid u nfisser għaliex, lil Rużar Briffa kont diġà narah poeta kbir. Il-lum, wara li għaddew tletin sena li ma' tulhom ilħaqt tgħallimt xi ħaġa li qabel ma kontx nafha, lil Rużar Briffa sirt narah poeta akbar. It-tajjeb u s-sħiħ ma jqarrqux u lanqas ma juru ħaġa b'oħra. U dak li jgħodd għalija dwar Briffa u Dun Karm, li hu l-Imgħallem *par excellence*, imissu jgħodd ukoll għall-poeti żgħażagħ li tilgħin il-lum dwar poeti akbar minnhom fil-medda u l-wesgħa tal-ħsieb u akbar minnhom ukoll fit-tiġrib tal-ħajja misjura bil-għaqal tas-snin. Trid titfarrak, tingħasar u titħatteb fuq il-poeżija kbira ta' ħaddieħor biex iseħħlek imbagħad taqta' xi erba' versi suret in-nies minn tiegħek innifsek. U hawn irrid infakkar fil-qawl Latin *Per ardua ad astra* li jien innifsi tgħallimt żmien ilu u bqajt u nibqa' niftakru dejjem.

Kieku kelli nqabbel lil Rużar Briffa ma' xi poeta liriku Latin ma nafx lil min kont nagħżel bejn Katullu u Orazju. Imma naħseb li aktar imur ma' ta' l-ewwel. Ma jidhirx li Briffa jħobb jimmoralizza kif jagħmel fil-versi tiegħu Orazju. Imma versi ħelwin ta' mħabba, li jagħtu lemħa 'l dawk ta' Katullu, ssiblu ħafna lil Briffa. "Tfajla, toħlomx", "Il-Għanja ta' l-Imħabba", "Kenn l-Imħabba", "Lin-Namrata" u "Għanja" huma kollha versi li jbaqbqu bl-ogħla mħabba ta' qalb poeta żagħżugħ. Bil-maqlub, fiż-żewġ poeżiji "Emmintek" u "Lil Għasfur Igħanni" naraw qalb il-

poeta tagħna hekk muġugħa u magħfusa, għax imċaħħda minn dak il-ħelu li tixtieq, illi ma tonqosx tqell u saħansitra tisħet lil min regħexha. Isimgħu daqsxejn xi igħid il-poeta lil dik li ċaħdet imħabbtu:

Għidtli qalbek qed tfawwar bl-imħabba,
tlabtni nemmen fil-ħalfa ta' fommok,
ħarist lejja bil-ħarsa miksura,
w'għedtni mħabba li qatt ma tintemm.
Jien emmintek......................

Iżd'arrali! Lil qalbi, lil ruħi
xħetthom barra mill-kenna ta' qalbek,
fuq is-saħna ta' demmi, bla ħniena,
xħett il-ġlata tad-diq u tal-hemm.
Tkun misħuta!...................

Il-pessimiżmu fil-poeżija ta' Rużar Briffa jingħoġob għax għandu dejjem ittaffiħ irxiexa ħelu u qatt ma jidher mgħobbi żżejjed bl-iswed. Xhieda ta' dan huma, barra minn xi oħra 'l hawn u 'l hinn, il-poeżiji "Swied il-Qalb", "Lill-Maħbuba" u "Il-Għanja ta' l-Imnikket". Il-kelma '*Imnikket*' jingħad li ħarġet ma' l-ewwel daqqa ta' pinna 'Imġiddem'. Inbidlet f'*Imnikket* għax il-kelma *Imġiddem* dehret u nħasset iebsa u ħarxa żżejjed. Imma t-tifsira ta' *mġiddem* hemm kienet u hemm baqgħet: għax il-poeżija dwar wieħed lebbruż titkellem. Imma l-pessimiżmu ta' din il-għanja mhux qiegħed f'hekk. Il-pessimiżmu (u mhux xi pessimiżmu ħafif daqskemm jagħmluh xi wħud, għad li jien paxxut bih) jinsab u jinħass fil-bukkett xewk u għolliq, marrad musfari bħal min qatgħu, li wieħed lebbruż jiġih f'rasu joffri lill-Madonna tad-Duluri; u mhux inqas fil-kliem imtenni ta' "Dana biss!" u "Jiena biss!" Hemm tajjeb li l-poeta tagħna, li hu dejjem u kull waqt Kattoliku tassew, ma jwassalx lil dan il-marid u għoddu iddisprat f'xi tarf ta' rdum jew fuq xifer il-Lift, imma jieħdu f'riġlejn Ommna Addolorata li *hi* biss titħassru, ma tisstkerrhux, tħenn għalih u sserraħlu u ttaffilu fid-duluri tagħha d-duluri tiegħu. U f'hekk, barra milli fil-għajta maħnuqa ta' *O Madonna tad-Duluri* magħduda għal erba' darbiet wara xulxin (darba fil-ftuħ ta' kull waħda mit-tliet strofi u darb'oħra f'egħluq l-ewwel waħda, kif ukoll finnisġa sħiħa tagħha, tinsab il-qawwa tabilħaqq u għal kollox oriġinali ta' din il-ġawhra poetika Maltija.

Ħafna (fosthom jien) ma kinux jafu li Dr. Briffa kiteb dan il-għadd kollu ta' poeżiji: 115-il waħda, barra forsi minn xi oħrajn ukoll, fosthom waħda miktuba, niftakar, għall-Ewwel Quddiesa ta' Dun Anton Vella, Ph.D., S.Th.D., mis-Siġġiewi. Xtaqna rajnieha miġjuba flimkien ma' l-oħrajn din il-poeżija li taħbat tagħti lemħa lil dik miktuba dan l-aħħar dwar Ninu Cremona, D.Litt. *(Hon. Causa)*, u li tisboqha fil-ġmiel u fil-qawwa. B'danakollu, imqar kieku dan il-għadd kellu jkun in-nofs jew it-terz jew il-kwart ta' li hu, Dr. Briffa xorta waħda kien jibqa' magħruf bħala l-poeta Malti l-aktar liriku fost il-liriċi. Il-ballati tiegħu flimkien mal-poeżiji "Wieħed Biss", "Lil Ommi", 'Epithalamion", "Mill-Ġdid Poeta", "Il-Għanja ta' l-Imnikket", "Lil F. S. Caruana", "Nofs in-Nhar Sajfi", "L-Innu Malti u l-Kotra", "Għajjiena, le Xeb-

għana", "Il-Għid tal-Maħfra", "Fl-Ave Maria" u "Il-Kotra u Jien" kienu biżżejjed għalih biex jafferma ruħu poeta *de facto et de iure*, u biżżejed għalina, li nafu nagħżlu fis-sewwa l-qamħ mis-sifa, biex nagħtuh bil-ħaqq dak li tah qabilna Dun Karm li, fejn tidħol il-poeżija ta' poeti oħra Maltin aktar torja minnu fis-snin u fis-sengħa tal-versi, xejn ma kien ħali jew idejh miftuħa fit-tibħir u fit-tifħir.

Kelma ta' l-aħħar. Lil Briffa bħala poeta ma nafx min seħħlu s'issa jiddefinih fl-aktar sens magħluq tal-kelma. Il-Professur Aquilina, l-akbar skular u l-aktar wieħed erudit u kolt fostna l-kritiċi letterarji, sejjaħlu "Prinċep tal-lirika Maltija". Jien, li naqbel ma' dan, insibu bħala "Poeta ta' setgħat kbar, poeta li n-nixfa tas-sjuf u l-kesħa u r-reżħa tax-xtiewi jkidduh u jagħtuh ġewwa daqskemm tferrħu u thennih ir-Rebbiegħa bl-ilwien, bil-fwejjaħ u bil-ħajr tagħha ta' ġmiel, imħabba u sliem". Imma fl-aħħar mill-aħħar, min kien u għadu Rużar Briffa bħala poeta, igħidulna l-poeta Rużar Briffa nnifsu:

Għadni dejjem, dejjem jien,
anki jekk kiebi u għajjien:
il-poeta taż-Żgħorija......
il-poeta tas-Sbuħija.

12/2/61. K. VASSALLO

# KONTRIBUZZJONIJIET

**Lista ta' Kontribuzzjonijiet minn Membri tal-Għaqda għall-Fondi tal-Kera u Bżonnijiet oħra tad-Dar tal-Għaqda għas-Sena 1961.**

| | Ammont | | |
|---|---|---|---|
| Prof. Dr. G. Galea | £1 | 0 | 0 |
| Anton Agius Muscat | | 10 | 0 |
| Rev. Kap. Dun Karm Farrugia | 1 | 0 | 0 |
| Ivo Muscat Azzopardi, P.L. | 1 | 0 | 0 |
| Reg. Vella Tomlin | | 10 | 0 |
| Dun Karm Sant | | 10 | 0 |
| Rev. Patri Piju Rapa, O.P. | 1 | 0 | 0 |
| Giuseppina Attard Montalto | 1 | 0 | 0 |
| F. Saver Caruana | 1 | 0 | 0 |
| Ġ. Cardona | | 5 | 0 |
| A. Cremona | 1 | 0 | 0 |
| Karmenu Vassallo | 1 | 0 | 0 |